XEWKIJA

**MINUTI**
**KUNSILL LOKALI IX-XEWKIJA**
**IT-SEBA' KUNSILL - LAQGĦA NUMRU 8**
**30 ta' Settembru 2013 fil-4:30p.m.**

Il-Membri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u l-laqgħa bdiet fl-4:30 p.m.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sur Paul Azzopardi | Sindku |
| Dr Monica Vella | Vici-Sindku |
| Sinjura Jeanelle Attard | Kunsilliera |
| Sur Domenic Zerafa | Kunsillier |

**Uffiċjali:**

| | |
|---|---|
| Sinjura Sue-Ellen Bugeja | Segretarju Eżekuttiv |

**Skuzat**

| | |
|---|---|
| Sur George Zammit | Kunsillier |

1. **Approvazzjoni tal-Minuti**

   Il-Minuti tal-Laqgħa 6 u 7 kienu tqassmu qabel u għalhekk gew approvati.

2. **Rapport Finanzjaru tal-Kunsill**

   Dr Monica Vella talbet kopja tar-rapport finanzjarju u l-workings peress li kien qal Joe Cordina li ser igibhom f'din il-laqgħa. Is-Segretarja gibdet l-attenzjoni li ma kienetx għadha irciviethom.

   F'dan il-mument daħal Joe Cordina fejn ipprezenta lill-Kunsill kopja tar-rapport finanzjaru. Joe Cordina qal li d-dokumenti kollha li intweraw fl-aħħar laqgħa huma binded fih. Joe Cordina spjega għat-tieni darba s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill fid-dettal u kulħadd kellu c-cans jistaqsi l-mistoqsijiet li jrid. Hu kompla jispjega lil Vici Sindku li vera l-cash and cash equivalents kienu ta' l-amount ta' 338.766 euro fl-aħħar ta' Dicembru 2012 imma dawn qabel ma tneħħi minnhom il-

commitments li kien diga għamel il-Kunsill ta' qabel. L-commitments kienu jinkludu il-creditors u l-accruals li jidhru fis-statement of financial position ta' l-aħħar tas-sena. Il-lista tal-Commitments jidhru f'nota 18 tal-Financial Statements. Hu gibet l-attenzjoni li l-UIF ma tnizzlux fir-rapport finanzjaru peress li dawn għadhom ma inghatawx fuq il-proġett. Hu kompla jgħid ukoll li jekk il-proġett ikun beda diga l-Kunsill ma jkunx jista japplika għalih. Il-Vici Sindku qalet li dawn il-Fondi għandhom jiġu utilizati sa ċertu zmien. Is-Segretarja għandha tibghat email il-MEPA habba dan kollu.

Fuq mistoqsija li qamet mil-Vici Sindku fil-laqgħat ta' qabel rigward il-Financial Statements kellhom miktub bi zbal 'Approved but not yet contracted for: Public Convenience – St John the Baptist Square' minflok 'Approved and contracted', is-Segretarja talbet lil awdituri Generali biex jispjegaw jekk dan kienx ser jaffetwa l-pozizzjoni Finanzjarja tas-sena 2012. L-awdituri bgħatu din ir-risposta:-

"Further to the enquiry made by yourself, kindly note that the capital commitments note disclosed in the notes to the financial statements is for information disclosure purposes only. Any changes between the different categories within the note will have no affect on either the statment of comprehensive income or statement of financial positon'

## 3. Tqassim ta' Responsibbilitajiet

Il-Kunsilliera ngħataw dawn ir-responsabbilitajiet:-

**Paul Azzopardi** – Finanzi, Proġetti, Sports, Kultura, Ħidma Socjali, Fondi ta' EU, Relazzjonijiet Pubblici, Attivitajiet.

**Dr. Monica Vella** – Turizmu u Kummerc, Kuntatti ma barra minn Malta, Teknologija, Entitajiet Pubblici, Ismijiet ta' Toroq, Wirt Storiku.

**Jeanelle Attard**- Edukazzjoni u Zgħazagħ.

**George Zammit** – Indafa Pubblika u Maniggjar tas-Sistema tal-lampi tat-Toroq.

**Domenic Zerafa** – Zamma tal-Ordni Pubblika, Traffiku, Tabelli u Mirja.

## 4. Europe for Citizens Programme 2007-2013

Is-Sindku infurma lil Kunsill li Forza d'Agro il-pajjiz li kien ser issir il-gemillagg magħhom infurmawna li għandhom l-elizzjonijiet tal-Kunsill f'Marzu-April. Il-Kunsill qabel li la ser jinbidlu l-membri l-aħjar jigu mistiedna x-Xewkija wara l-elezzjonijiet tagħhom u mhux f'Novembru. Is-Segretarja infurmat lil Kunsill li fuq il-Grant Decision hemm miktub li jista' jsir dan bejn il-perjodu 1/10/13-20/07/14 u li l-Kunsill ingħata l-ammont ta' 5,000euro.

XEWKIJA

## 5. Jum Ix-Xewkija

Il-Kunsill ircieva ittra minghand Charles Bezzina biex issir mafkar tal-Gwerra. Is-Sindku ssugerrixa li dan isir hdejn il-Kappela tal-Ħniena jew ħdejn il-Knisja fi Pjazza San Ġwann Battista. Il-Kunsill qabel li għandhom isiru l-permessi neċċessarji u jintalbu kwotazzjonijiet u disinn.

Il-Kunsill qabel li s-serata Premju gieh Ix-Xewkija jsir fiċ-Ċentru Parrokkjali. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard issuggerit li jsir modeling tat-tfal bi hwejjeg ta' hanut partikulari. Il-Kunsill qabel ukoll li l-Banda Prekursur tiehu sehem f'din is-serata. Is-Segretarja għandha tagħmel kuntatt mas-Segretarju tal-Banda Prekursur biex jinforma lil Kunsill x'ser jikkonsisti l-programm tagħhom. Kien hemm qbil li jsir essay competition u tqassim ta' premijiet bħas-snien ta' qabel. Is-Segretarja għandha tagħmel kuntatt mas-Surmast ta' l-iskola rigward dan.

Il-Kunsill qabel ukoll li jsir it-Tournament tal-Football bit-tqassim tat-trophies.

Il-Kunsill qabel li għandu jinħareg il-Ktieb li gie miktub u iddisinjat minn Dr. Ray Xerri u Paul Falzon. Is-Segretarja għandha tigbor il-kwotazzjonijiet biex jigu stampati dawn il-kotba.

Is-Sindku issugerixxa li issir attivita' fl-area ta' Lambert ħdejn il-Heliport stil Western.

## 6. Hatra ta' Sotto Kumitat

Is-Sindku infurma lil Kunsill li ser jaħtar sotto Kumitat tal-attivitajiet magħmul minn membru ta' kull għaqda gox-Xewkija u l-minuti tagħhom jitgħaddew lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jifforma dan il-Kumitat.

## 7. Talba ghall-Impjegat/a

Id-deċizjoni finali ma ittieħdetx peress li għadhom iridu jsiru xi diskussjonijiet.

Il-Kunsill qabel li jkun hemm tabella tal-ħinijiet imwaħħla mal-ufficcju għal Pubbliku u li jingħalaq l-uffiċċju waqt il-ħin tal-break.

## 8. Approvazzjoni ta' ħlasijiet

Dan il-ħin kien hemm prezenti Mario Pace u Keith Hili. Mario Pace qal li kien għamel talba għal-għajnuna ta' xogħolijiet tal-pedistal fl-area tal-Ħamrija. Hu qal li din it-talba saret b'mod verbali mal-Kunsill ta' qabel fejn qal li gie imwiegħed l-għajnuna. Il-Vici Sindku qalet li jekk it-talba ma issirx bil-miktub u tigi ipprezentata f'laqgħa tal-Kunsill din ma tistax tigi mgħoddija. Biex tingħalaq din il-kapitlu s-Sindku talab il-Mariano igib ircievuti tal-materjal li xtara u jingħata kumpess ta' dan. Il-Kunsill qabel li meta dan igib l-irċievuti mitluba jieħu l-għajnuna. Dr Monica Vella ma qablitx ma din id-decizjoni

Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kif jidher mill-iskeda annessa mal-minuti.

XEWKIJA

## 9. Korrispondenza: il-korrispondenza ġiet ċirkulata u diskussa

**Mill-Korrispondenza**

- **i.** Ittra mingħand l-Arcipriet Carmelo Mercieca dwar l-attivitajiet li jsiru bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill fil-festa tal-Martirju ta' San Ġwann. Il-Kunsill qabel li sports day u l-fun run għandhom jergu isiru.
- ii. Memo 21/2013 dwar linji gwida dwar telefon cellulari tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill qabel li biex jigu iffrankati n-numri tac-cellulari minn fuq linja tat-telephone normali għandu jsir forma ta' kuntratt ta' telefonija taħt l-isem tal-Kunsill Lokali.
- iii. Email mingħand Gozo Action Committee dwar applikazzjoni għal fondi taħt M313 'Encouragement of Tourism Activities'. Is-Sindku informa li qed issir applikazzjoni fuq upgrading ta' l-area ta' Logga'.

## 10. Materji Oħra

Il-Vici Sindku gibdet l-attenzjoni li fl-1 ta' Ottubru 2013 hemm il-kawza dwar l-anthena mal-Kumpanija Vodafone. Il-Kunsill qabel li għandha tigi infurmata l-avukata tal-Kunsill b'dan biex jintagħlab parrir legali fuqha.

## 11. Tmiem il-Laqgħa

Il-Laqgħa giet aggornata fil-20:15 p.m.

| | |
|---|---|
| Sue-Ellen Bugeja | Paul Azzopardi |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |